# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 4 ta' Novembru, 2015**

**Talba Nru: 713/2015/VG**

**GO p.l.c. f'isimha proprju u a nom u in rapprezentanza tas-socjeta Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Mary Ann ZERAFA [ID 337605L]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjetajiet rikorrenti mressqa fl-1 ta' Settembru, 2015** u li permezz taghha talbu lill-intimata thallashom is-somma ta' elf mitejn u euro wahda u sebgha u tmenin centezmi ta' euro [€1,201.87c] u dan wara li ppremettew hekk:

> "Permezz tal-prezenti s-socjeta kummercjali GO p.l.c. (C22334) ta' Triq Fra Diegu, Marsa, li qed tidher hawnhekk f'isimha proprju kif ukoll a nom u in rapprezentanza tas-socjeta Mobisle Communications Limited (C24655) kif debitament awtorizzata, tinterpellak sabiex thallas is-somma ta' €1201.87 (elf mitejn u

wiehed Ewro u sebgha u tmenin centezmu), ammont dovut lill-istess socjeta mittenti pro et nomine in kwantu ghal €573.28 (hames mija u tlieta u sebghin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu) in konnessjoni ma servizzi ta’ telefonija fissa, internet, u televisjoni (AC40335542), flimkien ma’ €628.58 (sitt mija u tmienja u ghoxrin Ewro u tmienja u hamsin centezmu) in konnessjoni ma’ servizzi ta’ telefonija cellulari fuq 79013101 u 79040493 (AC55101115), flimkien mal-ispejjez, imghaxijiet, u drittijiet legali.

Fejn applikabbli, l-ammonti fuq imsemmija jinkludu l-penalitajiet ghat-terminazzjoni anticipata tal-kuntratti.

Illi nterpellata sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata tal-prezenti”.

Ra li l-intimata giet debitament notifikata fl-10 ta’ Settembru, 2015 u li baqghet ma resqet l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha x-xhieda ta’ Charmaine Psaila Wiffen, rapprezentanta tas-socjetajiet rikorrenti, li kkonfermat li l-ammont dovut mill-intimata huwa ta’ elf u euro wahda u sebgha u tmenin centezmi ta’ euro (€1,001.87c) u mhux l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti fit-Talba taghha.

Illi s-socjetajiet rikorrenti talbu li l-ammont imsemmi fit-Talba jigi ridott ghall-ammont dovut u indikat minn Charmaine Psaila Wiffen. It-Tribunal laqa’ t-Talba.

Ra li Dr. Keith Grech ddikjara li s-socjetajiet rikorrenti ma kellhomx provi aktar xi jressqu u talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' elf u euro wahda u sebgha u tmenin centezmi ta' euro [€1,001.87c] in kwantu ghal €573.28 (hames mija u tlieta u sebghin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu) in konnessjoni ma servizzi ta' telefonija fissa, internet, u televisjoni (AC40335542), flimkien ma' €628.58 (sitt mija u tmienja u ghoxrin Ewro u tmienja u hamsin centezmu) in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija cellulari fuq 79013101 u 79040493 (AC55101115).

Ikkunsidra;

2. Charmaine Psaila Wiffen, rapprezentanta tas-socjetajiet rikorrenti, kkonfermat bil-gurament taghha llum stess li l-ammont dovut mill-intimata lis-socjetajiet rikorrenti huwa ta' elf u euro wahda u sebgha u tmenin centezmi ta' euro [€1,001.87c] u ghadu dovut.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

*(b) Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimata giet debitament notifikata fl-10 ta' Settembru, 2015 u li la resqet risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjetajiet rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal minnhom ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjetajiet rikorrenti huwa dovut mill-intimata.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjetajiet rikorrenti s-somma ta' elf u euro wahda u sebgha u tmenin centezmi ta' euro [€1,001.87c] bl-imghaxijiet kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data tal-prezentata tat-Talba odjerna, sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimata.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**